Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 22 ta' Jannar 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Mark Parlato Trigona**
**(75674M)**

**-omissis-**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mark Parlato Trigona**, imwieled San Giljan nhar is-16 ta' Novembru, 1973 residenti gewwa 39, 'Tigne Place', Flat 502, Triq Tigne', Tas-Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 75674M u **–omissis-.**

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Dicembru, 2021, ghall-habta ta' bejn is-14:00hrs u t-15:30hrs, gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta

1. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd), Kap. 9).

2. M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' Spettur Kurt Farrugia inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat

jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihallas dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi (Art. 338(ee), Kap 9).

3. Kull persuna kellha, meta tkun barra r-residenza taghha, kemm meta tmur f'post fil-maghluq kif ukoll fil-miftuh, tilbes maskra medika jew tad-drapp jew visor b'mod xieraq li tghatti l-imnieher, il-halq u l-geddum tal-persuna (A.I. 471/2021).

U aktar lil **–omissis-** wehidha, nakkuzaha talli fl-istess data, hin u lok:

4. Irrifjutajt taghti, jew tajt falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismek, kunjomok, fejn toqghod u partikularitajiet ohra (Art. 338(g), Kap. 9)

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghat t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) akkuza u dan stante li l-imputat pprezenta certifikat mediku fir-rigward.

Illi l-Qorti wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) akkuza, wara li rat l-Artikolu 7, 13 u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib **lil imputat hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2)** akkuza u tikkundannah ghal **hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**